**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1636/00JR**

**Vincent Brincat ezercenti l-kummerc taht Infocus Promotions**

**vs**

**A.G.T. Ltd. u b'degriet tad-19 ta' Jannar, 2001, gie kjamat in kawza Alfred Martin f'ismu personali**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm174.20) bilanc ta' somma akbar, debitament dovut ghax-xoghol ta' advertising u art work inkluz VAT, maghmul fuq inkarigu tieghu, liema somma hija certa, likwida w dovuta;**

**Bl-ispejjez u imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bis-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta.**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta fil-5 ta' Dicembru, 2000, fejn intqal illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont hekk kif indikat mill-attur mhux dovut;**
**Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz parti mix-xoghol maghmul mill-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Ra li fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2001, il-kjamat in kawza iddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici ghall-istess ragunijiet tas-socjeta` konvenuta.**

**Semgha x-xhieda ta' Vincent Brincat u ta' Alfred Martin. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-attur ikkonferma li l-ammont hu dovut ghall-"art work" u VAT .**

**2. Jirrizulta li kien sar kuntratt mas-socjeta` konvenuta dwar "art work' ghall-reklamar, Dok.A. Mill-istess kuntratt jirrizulta li l-kjamat in kawza kien biss il-"contact person" anke jekk direttur tas-socjeta` konvenuta.**

**3. Jirrizulta li meta l-konvenut ilmenta fuq l-"art work", l-attur kien ghamel "art work" iehor. Jirrizulta li l-"Caption A" u "Caption C" esebiti kienu gew accettati. Pero` ma kienx accetta il-"Caption C alternative" u l-"Caption B". Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien baghtlu cekkijiet "postdated".**

**4. Jirrizulta ghalhekk illi l-ammont mitlub huwa tassew dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm174.20) bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**